# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Gimgha, 21 ta' Jannar, 2022

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 52/2020 ISB**

**Samuel Delia (578985M)**

**vs**

**Ir-Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **Samuel Delia** (578985M) li permezz tieghu huwa ssostni hekk:-

1. *Illi l-esponenti huwa azzjonist tas-soċjeta' bl-isem* ***Sam Delia Limited*** *liema soċjeta' ġiet inkorporata fis-sena 2007 u għandha numru ta' reġistrazzjoni C40910 b'uffiċju reġistrat f'119, Lialuna Triq il-Karmnu, Zabbar Malta;*

2. *Illi s-soċjeta' Sam Delia Limited topera fl-industrija tal-propjeta' billi kemm tixtri, tbiegħ u tinvesti fil-propjeta' u kif ukoll toffri servizzi relatati mal-kostruzzjoni, u dan kif jidher mil-Istatut tas-soċjeta' kopja*

*ta' liema qed tiġi annessa ma' dan ir-rikors u mmarkata bħala "**Dok SD 1**";*

3. *Illi permezz ta' kuntratt ta' self, fidi u bejgħ datat 28 ta' Marzu 2007 fl-atti tan-nutar Dr. Ian Spiteri, il-kumpanija Cantrija Limited għamlet ċessjoni ta' drittijiet naxxenti minn konvenju datat 1 ta' Awwissu 2006 a favur is-soċjeta' Sam Delia Limited li permezz tiegħu, din tal-aħħar akwistat porzjoni diviża ta' art li tikkonsisti f''ħames (5) plots adgaċenti mmarkati bin-numri sbatax (17) sa wieħed u għoxrin (21) mingħand is-soċjeta' venditriċi Primrose Poultry Products Limited kopja ta' liema kuntratt tagħmel parti mir-riċerki datati 01/01/1986 sa 11/04/2016 li qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "**Dok SD 2**";*

4. *Illi l-imsemmija ħames (5) plots, jiffurmaw parti minn proġett akbar magħruf bħala c-Cantrija Industrial Park, u dawn il-plots akwistati minn Sam Delia Limited ġew mibnijja u maqsuma f'diversi garaxxijiet / wharehouses, fejn bosta minnhom ġew mibjugħa u xi oħrajn għadhom jappartjenu lil-istess soċjeta Sam Delia Limited;*

5. *Illi permezz ta' konvenju datat 24 ta' Frar tas-sena 2015 bejn is-soċjeta' Sam Delia Limited bħala l-venditriċi u J. Micallef Builders Limited (C1697) bħala l-kompratriċi, Sam Delia Limited wegħdet u obbligat ruħha li tbiegħ, tassenja u titrasferixxi lill-kumpratriċi li aċċettat li tixtri u takwista tlett (3) garaxxijiet industrijali fi stat bikri ta' kostruzzjoni u dan hekk kif jidher mil-kopja tal-konvenju li qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "**Dok SD 3**" u liema konvenju ġie estendid nhar is-26 ta' Awwissu 2020, kopja tal-estensjoni qed tiġi annessa u mmarkata bħala "**Dok SD 4**";*

6. *Illi l-imsemmija soċjeta' J. Micallef Builders Limited min-naħa tagħha għamlet wegħda ta' ċessjoni fuq garaxx/wharehouse minnhom, u dan permezz ta' skrittura privata datat 8 ta' Mejju 2015 liema kopja qed tiġi annessa u mmarkata bħala "**Dok SD 5**", fejn fih hija ċediet u assenjat lis-soċjeta' GMF Precast Limited (C11521) il-garaxx industrijali fi stat ta' ġebel u saqaf li hu sottopost għal garaxxijiet oħrajn ta' Sam Delia Limited, liema garaxx huwa mingħajr numru uffiċjali iżda internament immarkat bin-numru tlieta (3) u sitwat fil-'basement level' u liema kuntratt ġie estendid nhar is-26 ta' Awwissu 2020, kopja tal-estensjoni qed tiġi annessa u mmarkata bħala "**Dok SD 6**";*

7. *Illi permezz ta' skrittura privata datata 30 ta' Marzu 2020 liema kopja qed tiġi annessa u mmarkata bħala "**Dok SD 7**" is-soċjeta' GMF Precast Limited (C11521) fil-kapaċita' tagħha ta' assenjatriċi wegħdet li ċċedi u titrasferixxi lil Kevin Camilleri bħala l-kumpratur, l-imsemmi garaxx industrijal internament immarkat bin-numru tlieta (3). Din l-iskrittura privata ġiet estendida nhar is-26 ta' Awwissu 2020 u hekk kif jidher mil-kopja hawn annessa u mmarkata bħala "**Dok SD 8**";*

8. *Illi għalhekk illum il-ġurnata s-soċjeta' Sam Delia Limited għandha l-obbligu li tersaq għal-kuntratt finali ta' bejgħ ma' Kevin Camilleri għall-garaxx/wharehouse;*

9. *Illi is-soċjeta' Sam Delia Limited fis-sena 2018 bejn ix-xhur ta' Frar u Awwissu biegħat numru ta' garraxxijiet/wharehouses li kellha fl-imsemmi kumpless tac-"Cantrija Industrial Park" u dan kif jidher mill-estratt ta' riċerki maħruġa mir-Reġistru Pubbliku fir-rigward tat-trasferimenti tas-soċjeta' li qed jiġu annessi u mmarkati bħala '**Dok SD 9 – Dok SD 12**", fuq liema bejgħ hija ħallset it-taxxi dovuti skond l-liġi;*

10. *Illi apparti il-garaxx li qiegħed fuq konvenju ma' Kevin Camilleri, is-soċjeta' Sam Delia Limited għadha sal-ġurnata tal-lum il-proprjetarja ta' tmien (8) garaxxijiet oħra li jagħmlu parti mill-istess kumpless, liema garaxxijiet huma mikrija lil terzi;*

11. *Illi permezz ta' ittra datata 20 ta' Jannar 2020 mibgħuta mir-Reġistratur tal-Kumpanniji lis-soċjeta' fl-indirizz tas-soċjeta', il-kumpanija ġiet infurmata li Sam Delia Limited kienet ser tiġi imħassra mir-Reġistru tal-Kumpanniji għaliex ir-Reġistratur tal-Kumpanniji kien tal-opinjoni li din ma baqgħetx topera, jew ossia kienet fi stat ta' 'defunct', u dan ai termini tal-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji, b'effett minn tliet (3) xhur mid-data tan-notifika maħruġa mill-istess Reġistru tal-Kumpanniji u hekk kif jirriżulta mill-kopja tal-ittra annessa u mmarkata bħala "**Dok SD 13**";*

12. *Illi l-indirizz tas-soċjeta' huwa wkoll l-indirizz ta' missier ir-rikorrent, li hu ukoll l-azzjonist l-ieħor tas-soċjeta' u sfortunatament dan ma jafx jaqra u għalhekk ma rrealizzax bil-gravita tas-sitwazzjoni;*

13. *Illi fit-3 ta' Lulju 2020 is-soċjeta' giet imħassra mir-reġistru tal-kumpanniji għaliex ir-registratur kien tal-opinjoni li din ma baqgħetx topera, jew ossia kienet fi stat ta' 'defunct', u dan ai termini tal-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji, b'effett 3 ta' Lulju 2020 hekk kif jirriżulta mill-estratt tar-Reġistru tal-Kumpanniji anness u mmarkat bħala "**Dok SD 14",** u dan minkejja li din kienet għadha tiddetjeni l-fondi imsemmija;*

14. *Illi l-esponent sar jaf li s-soċjeta' ġiet imħassra bħala defunct tard wisq, u dan meta infurmatu n-Nutar Dr. Angele Rapa peress li kellu jsir kuntratt ta'bejgħ;*

15. *Illi l-esponent minn mindu sar jaf b'dan qed jipprova jiġbor il-karti neċċessarji u jagħmel l-arranġamenti sabiex jiġu aġġornati l-accounts tas-soċjeta' pero' dawn jieħdu l-ħin, apparti li matul l-aħħar xhur, l-attur kien qiegħed jaffaċja diversi problemi personali u ta' saħħa u dawn għamluha aktar diffiċli biex jorganizza ruħhu biżżejjed u jgħaddi kollox lill-accountant u l-awdituri sabiex jaġġorna kollox;*

16. *Illi bħalissa l-esponent qiegħed f'diskussjonijiet kontinwi mal-accountant sabiex jiġu aġġornati l-accounts kollha u kollox jiġi skond il-liġi;*

17. *Illi konsegwentament tal-fatt li l-isem tas-soċjeta' ġie imħassar mir-Reġistru tal-Kumpaniji, kemm il-kuntratt ta' bejgħ bejn is-soċjeta' Sam Delia Limited u J. Micallef Builders Limited, u sussegwentament il-wegħdiet ta' ċessjoni imsemmija hawn fuq bejn J. Micallef Builders Limited, GMF Precast Limited u Kevin Camilleri ma jistgħux jiġu konklużi u sodisfatti bejn il-partijiet;*

18. *Illi jekk kemm-il darba l-isem tas-soċjeta' Sam Delia Limited ma jitqiegħedx lura fir-Reġistru tal-Kumpaniji u konsegwentament ma jsirx l-att finali ta' bejgħ bejn Sam Delia Limited u J. Micallef Builders Limited, inevitabbilment ser jikkawża preġudizzju bla qies kemm lil Sam Delia Limited u kif ukoll lit-terzi partijiet involuti fil-kuntratti u skritturi privati imsemmija hawn minħabba l-fatt li dan ser iwassal sabiex ikun hemm ksur tal-pattijiet u kondizzjonijiet miftehin bejniethom minħabba l-inabilita' tagħhom li jonoraw il-wegħdiet tagħhom;*

19. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, fattwalment is-soċjeta Sam Delia Limited għadha qiegħda topera u tiġġestixxi n-negozju tagħha, għad għandha numru tal-VAT u tat-taxxa, għandha kont bankarju u għad għandha impjegata taħdem magħha. Jekk kemm-il darba l-isem tas-soċjeta' Sam Delia Limited ma jitqiegħedx lura fir-Reġistru tal-Kumpaniji dina l-impjegata wkoll ser tiġi preġudikata għaliex ser tispiċċa mingħajr impjieg ta' xogħol u li minħabba s-sitwazjoni tal-Covid-19 li għaddejin minnha ser ikun diffiċli għaliha sabiex issib ieħor minfloku;*

20. *Illi in vista tas-suespost, l-attur jinsab aggravat bid-deċiżjoni tar-Reġistratur tal-Kumpanniji u għandu interess li l-isem tal-imsemmija soċjeta` jerġa` jidħol fir-reġistru tal-kumpanniji għaliex is-soċjeta' għadha qiegħda topera u hemm kuntratti bejgħ u wegħdiet ta' ċessjoni li għad iridu jsiru bejn Sam Delia Limited u terzi u jekk dawn ma jiġux konklużi ser jinħoloq preġudizzju għall-partijiet involuti fl-istess kuntratti;*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni :*

1. *Tordna lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Att dwar il-Kumpanniji, jerġa` jdaħħal l-isem tas-soċjeta` Sam Delia Limited (C40910) fir-reġistru tal-kumpanniji, sabiex b`hekk l-istess soċjeta` titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar; u*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex jagħmel il-pubblikazzjonijiet kollha meħtiega ai termini tal-liġi relattivament għal tali inserzjoni fir-reġistru tal-kumpanniji, u dana kollu taħt dawk id-direzzjoni u dawk il-provvedimenti li jistgħu u jidrulha xierqa.*

*Bl-ispejjeż a karigu tal-Awtorita' konvenuta.*

Rat **id-dokumenti** li kienu prezentati mar-rikors (elenkati fil-lista ta' dokumenti – fol 4).

Rat **id-digriet** taghha kif diversament preseduta tat-8 ta' Ottubru 2020 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tal-10 ta' Dicembru 2020 fl-10:30am, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Registratur tal-Kumpanniji b'ghoxrin jum zmien ghar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fil-15 ta' Ottubru 2020 (ara tergo ta` fol 95).

Rat illi fid-29 ta' Ottubru 2020, ir-Registratur tal-Kumpanniji intimat ppresenta **ir-risposta** tieghu (fol 99) bid-dokumenti hemmek annessi, li permezz taghha, huwa sostna:

*Illi l-kumpannija Sam Delia Limited (C 40910) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fil-5 ta' Marzu 2007;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpannija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpanniji. Tant hu hekk illi l-istess kumpannija qatt ma rreġistrat kont annwali mar-Reġistratur tal-Kumpanniji u l-uniku prospett annwali illi ġie rreġistrat kien dak tas-sena 2008;*

*Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur jissoponi illi l-kumpannija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji;*

*Illi in vista ta' suespost, ir-Reġistratur proċeda sabiex kiteb lill-kumpannija u lill-uffiċjal tagħha sabiex javża illi l-isem tal-kumpannija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi r-Reġistratur bagħat l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpannija (annessi u mmarkati bħala Dok. A, l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha kif ukoll lid-diretturi, l-indirizz tat-tlieta li huwa 119, LIALUNA, Triq il-Karmnu, Zabbar, datati, 20 ta' Jannar 2020;*

*Illi t-tieni avviż gie mibgħut permezz ta' ittra oħra kemm lill-kumpannija kif ukoll lid-direttur fuq l-istess indirizz fit-3 t'April 2020;*

*Illi f'dawn l-ittri l-kumpannija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar Il-Kumpanniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpannija.*

*Illi fit-2 t'April 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpannija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal- Kumpanniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur qatt ma rċieva l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpannija u għaldaqstant fit-3 ta' Lulju 2020, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpannija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur jixtieq illi jekk il-kumpannija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpannija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni, ir-Reġistratur qiegħed umilment jissolleva illi qiegħed iħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tiegħu sabiex il-pożizzjoni tal-kumpannija in kwistjoni tiġi rattifikata.*

*Illi l- ammont dovut bħala reġistrazzjoni fuq il-prospetti annwali li qatt ma gew reġistrati jammonta għal EUR4,200.*

*Illi di piu', il-penali fuq il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali li baqgħu qatt ma ġew reġistrati jammontaw għal EUR 10,690.00.*

*Illi għaldaqstant huwa lest li joqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Dicembru 2020, deher l-Avukat Scerri Worley ghar-rikorrenti u dehret l-Avukat Claudette Fenech ghar-Registratur tal-Kumpanniji.

Rat illi f'dik l-udjenza r-rikorrent, permezz tad-difensur tieghu, iddikjara illi huwa kien lest illi jirregolarizza l-posizzjoni tieghu fis-sens jirregolarizza l-pendenzi kollha (kif anke verbalizzati minn Dr Fenech f'dik l-istess seduta) li l-kumpannija li isimha thassar mir-registru kellha mal-intimat.

Rat illi l-procediment kien differit ghat-18 ta' Frar 2021.

Rat l-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Frar 2021, minn fejn jirrizulta illi d-difensuri tal-partijiet ddikjaraw illi l-pendenzi kienu bdew jigu indirizzati u sa dak in-nhar kienu thallsu l-multi u penali kollha u l-annual returns kienu sottomessi u kien jonqos l-presentata tal-financial statements.

Rat illi dak in-nhar il-Qorti giet mgharrfa illi l-financial statements kienu ghandhom mhux sottomessi minhabba xi informazzjoni illi l-awditur kien qed jistenna minn Bank lokali.

Rat illi fl-udjenza tad-29 ta' Settembru 2021, il-Qorti giet mgharrfa illi l-audited accounts sas sena 2015 kienu gew sottomessi u kien jonqos biss l-accounts tal-ahhar erba' snin u l-Qorti akkordat terminu ulterjuri sal-1 ta' Dicembru 2021 sabiex isir dan.

Rat illi fl-udjenza tal-1 ta' Dicembru 2021, id-difensuri tal-partijiet ddikjaraw illi l-pendenzi kollha kienu gew rizolti u ghalhekk, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawza thalliet ghall-llum ghall-provvediment.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti ai termini tal-**Artikolu 325(4) tal-Kapitolu 386** tal-Ligijiet ta' Malta, u li permezz taghha, r-rikorrenti talab sabiex, ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Att dwar il-Kumpanniji, jerġa` jiddaħħal l-isem tas-soċjeta` **Sam Delia Limited (C40910)** fir-reġistru tal-kumpanniji, sabiex b`hekk l-istess soċjeta` titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar.

Illi dan qed jintalab peress illi r-rikorrent isostni illi huwa azzjonist fl-istess kumpannija msemmija, liema kumpannija kummercjali topera fl-industrija tal-propjeta' billi kemm tixtri, tbiegħ u tinvesti fil-propjeta' u kif ukoll toffri servizzi relatati mal-kostruzzjoni.

Jippremetti illi permezz ta' kuntratt ta' self, fidi u bejgħ datat 28 ta' Marzu 2007 fl-atti tan-nutar Dr. Ian Spiteri, il-kumpanija Cantrija Limited għamlet ċessjoni ta' drittijiet naxxenti minn konvenju datat 1 ta' Awwissu 2006 a favur is-soċjeta' Sam Delia Limited li permezz tiegħu, din tal-aħħar akwistat porzjoni diviża ta' art li tikkonsisti f''ħames (5) plots adgaċenti mmarkati bin-numri sbatax (17) sa wieħed u għoxrin (21) mingħand is-soċjeta' venditriċi Primrose Poultry Products Limited.

Jsostni Illi l-imsemmija ħames (5) plots, jiffurmaw parti minn proġett akbar magħruf bħala c-Cantrija Industrial Park, u dawn il-plots akwistati minn Sam Delia Limited ġew mibnijja u maqsuma f'diversi garaxxijiet/wharehouses, fejn bosta minnhom ġew mibjugħa u xi oħrajn għadhom jappartjenu lil-istess soċjeta Sam Delia Limited;

Ir-rikorrenti jirreferi ghal konvenju li sar fl-24 ta' Frar 2015 bejn is-soċjeta' de quo bħala l-venditriċi u s-socjeta` J. Micallef Builders Limited (C1697) bħala kompratriċi, fejn is-socjeta` Sam Delia Ltd wegħdet u obbligat ruħha li tbiegħ,

tassenja u titrasferixxi lill-kumpratriċi li aċċettat li tixtri u takwista tlett (3) garaxxijiet industrijali fi stat bikri ta' kostruzzjoni.

Ir-rikorrenti jirreferi ghal numru ta' assenjazzjonijiet ta' drittijiet fuq konvenju li saru u jghid illi llum il-ġurnata s-soċjeta' Sam Delia Limited għandha l-obbligu li tersaq għal-kuntratt finali ta' bejgħ ma' Kevin Camilleri għall-garaxx/wharehouse, filwaqt illi għadha sal-ġurnata tal-lum il-proprjetarja ta' tmien (8) garaxxijiet oħra li jagħmlu parti mill-istess kumpless, liema garaxxijiet huma mikrija lil terzi.

Ir-rikorrenti jsostni illi minkejja illi l-kumpannija Sam Delia Limited giet ikkancellata minn fuq ir-Registru, fattwalment is-soċjeta Sam Delia Limited għadha qiegħda topera u tiġġestixxi n-negozju tagħha, għad għandha numru tal-VAT u tat-taxxa, għandha kont bankarju u għad għandha impjegata taħdem magħha.

Ir-rikorrenti jispjega illi filwaqt illi seta' kien hemm ragunijiet validi sabiex ir-Registratur jnehhi isem is-socjeta` se quo minn fuq ir-Registru, b'danakollu ser ikun hemm pregudizzji serji jekk din ma titqieghidx lura.

Illi l-intimat Registratur jghid illi l-kumpannija msemmija kienet ilha snin twal mhux konformi mal-obbligi taghha, tant li l-ahhar kont annwali registrat kien fis-sena 2007 u l-ahhar prospett registrat kien dak fis-sena 2008. Jghid li ghalhekk kellhu kull raguni valida fil-ligi biex jikkancella l-kumpannija u ghaddha mill-proceduri kollha li trid il-ligi.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-intimat Registratur jghid illi l-kumpannija msemmija kienet naqqset mill-obbligi taghha mar-Registratur, tant illi kellha prospetti u kontijiet annwali neqsin u kien hemm hlasijiet ta' registrazzjoni u penali li kellhom jithallsu. Jghid illi ghalhekk kellu kull raguni valida fil-ligi biex jikkancella l-kumpannija u ghaddha mill-proceduri kollha li trid il-ligi biex sar dan.

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3),*

> *tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u <u>l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa</u> biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiziti necessarji biex kumpannija kummerjcali li tnehhiet minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji terga` ssib postha fuqu ai termini tas-sub artikolu fuq citat.

Ma hemmx dubju li ma ghaddewx hames snin minn meta l-kumpannija Sam Delia Limtied (C40910) giet ikkancellat minn fuq ir-Registru, in kwantu dan gara b'effett mit-3 ta' Lulju 2020.

Illi jidher li minhabba n-nuqqasijiet tal-kumpannija, ir-registratur tal-kumpanniji impona penali fuq n-nuqqas ta' registrar ta' prospetti annwali u kontijiet annwali li tammonta ghal erbat'elef u mitejn euro (€4200) flimkien ma' pagament pendenti fuq registrazzjoni ta' prospetti annwali li jammonta ghal ghaxar t'elef, sitt mija u disghin euro (€10,690). Ghalhekk it-total li kien dovut lir-Registratur tal-Kumpanniji kien ta' erbatax il-elf tmien mija u disghin il-euro (€14,890).

Illi kif jidher mill-verbal li sar fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2021, ir-Registratur intimat ddikjara li kienet irregolarizzat ruha il-posizzjoni tal-kumpannija u li ghalhekk ukoll thallas l-ammont kollu dovut. Id-difensuri tal-partijiet, f'dan il-kuntest, qabblu illi l-procediment jithalla ghall-provvediment.

**GHALDASTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvediment tal-KAP 386 hawn fuq ccitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun giust u ekwu illi:

1. Fl-ewwel lok **tordna** lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kapiotlu 386 tal-Ligijiet ta' Malta, fi zmien hmistax (15) il-jum, jerga jdahhal l-isem ta' **Sam Delia Limited (C 40910)** fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-Registru;

2. Fit-tieni lok, **tordna** lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-publikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattiva ghal tali inserzjoni mill-gdid tal-kumpannija msemmija fir-Registru tal-Kumpanniji;

3. Fit-tielet lok, **tordna** illi l-ispejjez ta’ din il-procedura u kif ukoll kwalsiasi spejjez illi jista’ jinkorri r-Registratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Sam Delia Limited (C 40910)** fuq ir-Registru tal-Kumpanniji jkunu a karigu tar-rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**